



## Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-464/15

**Admiral Casinos & Entertainment AG**  
vs  
**Balmatic Handelsgesellschaft mbH et**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesgericht Wiener Neustadt)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Article 56 TFUE — Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Logħob tal-ażżard Leġiżlazzjoni ta’ Stat Membru li tippobjixxi, taħt piena ta’ sanzjonijiet kriminali, l-operazzjoni ta’ magni tal-logħob b’rebħ limitat (kleines Glücksspiel) fin-nuqqas ta’ permess maħruġ mill-awtorità kompetenti — Restrizzjoni — Ġustifikazzjoni — Proporzjonalità — Evalwazzjoni tal-proporzjonalità abbażi kemm tal-għan tal-leġiżlazzjoni fil-mument tal-adozzjoni tagħha kif ukoll tal-effetti tagħha waqt l-implementazzjoni tagħha — Effetti kkonstatati empirikament b’ċertezza”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba’ Awla) tat-30 ta’ Ġunju 2016

1. *Domandi preliminari — Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja — Domanda magħmula fuq tilwima li qamet fi Stat Membru wieħed biss — Inklużjoni fid-dawl tal-applikabbiltà eventwali tad-dritt tal-Unjoni għall-imsemmija tilwima minħabba projbizzjoni ta’ diskriminazzjoni imposta mid-dritt nazzjonali*

(Artikolu 267 TFUE)

2. *Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Restrizzjonijiet — Logħob tal-ażżard — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprekludi, taħt piena ta’ sanzjonijiet kriminali, il-provvista ta’ logħob tal-ażżard mingħajr liċenzja maħruġa mill-awtorità kompetenti — Ġustifikazzjoni — Proporzjonalità — Evalwazzjoni tal-proporzjonalità abbażi kemm tal-għan tal-leġiżlazzjoni fil-mument tal-adozzjoni tagħha kif ukoll tal-effetti tagħha waqt l-implementazzjoni tagħha*

(Artikolu 56 TFUE)

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 22-23)

2. L-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, matul l-istħarriġ tal-proporzjonalità ta’ leġiżlazzjoni nazzjonali restrittiva fil-qasam tal-logħob tal-ażżard, il-qorti ma għandhiex tibbaża ruħha biss fuq l-għan ta’ din il-leġiżlazzjoni, kif jidher fil-mument tal-adozzjoni tagħha, iżda wkoll fuq l-effetti tal-imsemmija leġiżlazzjoni, evalwati sussegwentement għall-adozzjoni tagħha.

Fil-fatt, mis-sentenza tat-30 ta’ April 2014, *Pfleger et*, C-390/12, jirriżulta li l-Artikolu 56 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, peress li din il-leġiżlazzjoni ma tindirizzax verament it-tħassib li jitnaqqsu l-opportunitajiet ta’ logħob jew li tiġġieled il-kriminalità marbuta ma’ dan il-logħob b’mod koerenti u sistematiku. Madankollu, l-użu stess tat-termini “b’mod koerenti u

sistematiku” ifisser li l-leġislazzjoni kkonċernata, għandha tindirizza t-tħassib li jitnaqqsu l-opportunitajiet tal-logħob jew li tiġi miġġielda l-kriminalità marbuta ma’ dan il-logħob mhux biss fil-mument tal-adozzjoni tagħha, iżda wkoll sussegwentement għaliha. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-analiżi tal-proporzjonalità, hija l-qorti nazzjonali li għandha twettaq il-verifiki li jirrigwardaw, b’mod partikolari, l-evoluzzjoni tal-politika kummerċjali tal-operaturi awtorizzati u fuq l-istat, fid-data ta’ meta seħħew il-fatti, tal-attivitajiet kriminali u frawdolenti marbuta mal-logħob. Minn dan isegwi li għandu jiġi kkunsidrat li, matul l-istħarriġ tal-proporzjonalità, l-approċċ segwit mill-qorti tar-rinviju ma għandux ikun statiku, iżda dinamiku, fis-sens li għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-evoluzzjoni taċ-ċirkustanzi sussegwenti għall-adozzjoni tal-imsemmija leġislazzjoni.

(ara l-punti 33-37 u d-dispożittiv)